MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2634/2002

**Pater Finance Co Ltd**

**Vs**

**Winston Fenech f'ismu u ghal kull interess li ghandu f'GS Car Rentals**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' disgha mija u hamsa u disghajn lira Maltija (Lm995), rapprezentanti import ta' sebgha kambjali, wahda ta' Lm107 [bilanc] u sitta ta' Lm148 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn April 2002 sa Ottubru 2002 rispettivament u mhux imhallsa.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Neville Camilleri in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut. Ra l-kamjali ezebiti fil-process.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma disgha mija u hamsa u disghajn lira Maltija (Lm995), bl-imghax fuq kull kambjala mid-data li mmaturat.

L-ispejjez huma kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------